SANTA LUĊIJA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija

## Is-Seba' Leġislatura
## Laqgħa Numru 23-17

20 ta' Jannar 2017

Il-Kunsil Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-4.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Caroline Galea – Kunsillier
Joe Bonello – Kunsillier

Rachel Mamo – Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

23.1.1 Nil

**23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**23.2.1 *Proġett tal-Jogging Track***

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferiet għall-minuta 22.2.2 u talbet informazzjoni dwar f'hix wasal il-proġett tal-Jogging Track. Is-Sindku qal li l-materjal wasal il-bieraħ. Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-bażi li kellha ssir għall-*water fountains* u l-*connection* tal-ilma għalihom. Is-Sindku qal li ser ikun qed jaħdem fuq il-*plumbing* il-kuntrattur li għandu l-Kunsill. Il-Viċi Sindku saħaq li għandha tinġieb l-istima tax-xogħol involut. Is-Sindku kompla jitkellem fuq dan il-proġett u qal li issa li jidher li l-problema tal-għargħar fi Triq il-Ġnien ġiet solvuta, jipproponi li s-*submersible pump* li kellha ssir fil-ġibja ta' Triq il-Ġnien tiġi mqabbda ma' wieħed mill-arbli tal-Led *lighting system* li hemm fil-Jogging Track u taħdem bit-*timer* li hemm issettjat fuq din is-sistema. Il-Viċi Sindku qal li għandha tinġieb stima tax-xogħol involut biex jitwaħħlu t-tlett arbli l-oħra fuq it-*track*. Il-Kunsillier Liam Sciberras semma li hemm periklu f'wieħed mit-turġien li jagħtu għall-Jogging Track. Is-Sindku wieġeb li ġibed l-attenzjoni ta' Sport Malta u ser jieħdu ħsieb huma.

**23.2.2 *Premises tal-Girl Guides***

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għall-minuta 22.2.6 u staqsiet lis-Sindku jekk kienx sar il-*health and safety report*. Is-Sindku qal li kellu jmur xi ħadd li jaf hu imma ma marx. Il-Kunsilliera Galea qalet li dan ilu xharejn, tlett xhur li kellu jmur. Is-Sindku qal li dan kien ser jagħmlu mingħajr ħlas u mhux tort tiegħu li ma marx.

**23.2.3 *Ġabra ta' Flus għall-Puttinu Cares***

Is-Sindku rrefera għall-minuta 22.2.3 u nforma l-Kunsill li l-ġabra għall-Putinu Cares li kienet saret waqt iċ-Chinese Food Festival kienet tammonta għal 212 ewro. Il-Viċi Sindku qal li fuq talba tas-Sindku l-Kunsill kien iwejverja lill-organizzaturi s-somma ta' 1,500ewro skond il-Bye-Laws fuq attivitajiet kummerċjali, u ħallas 300 ewro tal-*posters* għal din l-attivita'. Huwa kompla jgħid li l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ tkellmet waqt il-laqgħa tal-Kunsill u qalet li kif in-nies saru jafu li għal Puttinu tgħidx hemm bdew jagħtu donazjonijiet. Huwa qal li din l-attivita' saret b'risq min organizza u mhux b'risq Puttinu Cares. Huwa kompla jgħid li *we were taken for a ride* u din turi nuqqas ta' governanza tajba fil-Kunsill.

**23.2.4 *Klabb tal-Boċċi***

Is-Sindku rrefera għall-minuta 22.2.2 tal-laqgħa preċedenti u nforma l-Kunsill bit-tweġiba tal-Klabb għall-ittra li bagħt il-Kunsill fir-rigward ta' Euro 2016. Huwa qal li l-Kunsill ġie nfurma li l-kumitat il-ġdid m'għandu ebda informazzjon dwar l-attivita' li kienet saret. Il-Viċi Sindku qal li din oħra li turi li ma sarx *commitment* u nuqqas ta' governanza tajba.

***23.2.5*** ***Triq il-Ġiżimin***

Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 22.2.5 u staqsa fuq ix-xogħol ta' kostruzzjoni ta' *manhole* li kellha ssir fi Triq il-Ġiżimin. Is-Sindku qal li l-perit ma rnexxielux jikkomunika mal-kuntrattur. Il-Viċi Sindku qallu li bħala Sindku jrid isegwi għax il-Kunsill ilu disa' xhur jistenna li jibda x-xogħol.

***23.2.6*** ***Community Work Scheme***

Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 22.2.8 tal-laqgħa preċedenti u talab biex jara l-marki li ngħataw fl-*appraisals* li saru fuq il-ħaddiema li għandu assenjati miegħu l-Kunsill. Huwa ngħata kopja ta' dawn l-*appraisals*. Il-Kunsillier Bonello qal li hemm bżonn naraw aktar lil dawn il-ħaddiema jaħdmu fit-toroq.

***23.2.7*** ***Mozzjoni 3-2016***

Il-Kunsillier Bonello irrefera għal minuta 22.6.1 tal-laqgħa preċedenti u għall-mozzjoni 3-2016. Huwa qal li l-problema għada qed tippersisti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li nbagħtet ittra lil tal-ħwienet fejn intalbet il-koperazzjoni tagħhom. Huwa ppropona li l-*bollards* jerġu joħorġu fit-tarf tal-passaġġ ma' Triq Inez Soler u min ikollu bżonn jiġi għaċ-ċwievet fl-Kunsill u tintuża l-istess proċedura tal-*bollards* li hemm ħdejn il-Kummissarju tat-Tfal.

***23.2.8*** ***Subway***

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 22.2.4 tal-laqgħa preċedenti u qal li għandha ssir talba biex Trasport Malta tagħmel CCTV f'din is-*subway*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġa' kienet saret talba fuq hekk.

***23.2.9*** ***Rekordjar tal-laqgħat tal-Kunsill***

Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa jekk kienx hemm xi *feedback* fir-rigward tal-aplowdjar tar-*recordings* tal-laqgħat. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet kitbet u qed tistenna tweġiba.

**23.2.10** ***Spiża marbuta max-xogħolijiet fil-Berġa***

Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 22.3.6 u ppropona li l-flus tal-*extra cost* li ntefqu fil-Berġa għandhom jiġu użati biex issir sistema ta' *air conditioners* fl-istess berġa.

***23.2.11*** ***Magna tal-Qalb***

Il-Kunsillier Bonello staqsa għala l-magna tal-qalb li kien ingħata l-Kunsill mir-Reġjun Nofsinhar għada ma twaħħlitx barra. Is-Sindku qal li għadu qed jistenna l-permess biex titwaħħal mal-bini tal-għassa. Saret diskussjoni u ġie deċiż li s-Sindku jitkellem mal-Klabb tal-Futball biex din teħel fil-viċinanzi tal-klabb. Għandu jinħareġ avviż lir-residenti bl-infomazzjoni dwar fejn jistgħu jsibu dan l-apparat jekk jinqala' l-bżonn.

**23.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**23.3.1** ***Kuntratt mal-GreenPak***

Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva Addenda tal-Kuntratt li għandu mal-Green Pak biex dawn jgħatu sapport lil Kunsill fejn jidħol il-Ġbir ta' skart goff li jaqa' taħt il-WEEE.

Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Saret referenza għall-ħlas ppendenti dovut lill-Kunsill fuq il-kuntratt preċedenti li l-Kunsill kellu ma' Green Mt. Is-Segretarju Eżekuttiv intalbet terġa tikteb dwar dawn il-ħlasijiet pendenti.

**23.3.2** ***Programm Piż Tajjeb Tul-Ħajtek***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li saret talba mid-Directorate Health Promotion and Disease Prevention biex isiru żewġ programmi oħra ta' dan il-*course*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ewwel programm inżamm wara l-ħin tal-uffiċċju u l-kuratur tal-ġnien kien offra li jieħu ħsieb il-kordinament b'mod volontarju. Hija qalet li issa li dan il-programm ser jieħu aktar fit-tul, il-kuratur qed jitlob li jitħallas għal dan is-servizz. Il-Kunsill qabel li jkompli joffri l-*premises* mingħajr ħlas iżda l-ispiża tal-kuratur għanda titħallas mill-organizzaturi.

**23.3.3** ***Kont tal-Korporazzjoni għas-servizze tal-Ilma tal-konsum fi Ġnien is-Serenita'***

Il-Kunsill ġie nfurmat bl-aħħar kont tal-konsum tal-ilma fi Ġnien is-Serenita'. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet bagħtet il-kont lis-service@gov.mt. Il-Viċi Sindku nforma li dan il-kont qed jiġi ikkunsidrat u ser nirċievu tweġiba fil-ġranet li ġejjin.

***23.3.4*** ***Reserved Parking Bays***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li Transport Malta qed titlob li jitneħħew żewġ *reserved parking bays* waħda fi Triq Gardenja u oħra fi Triq Narcis peress li m'hemmx aktar bżonn għalihom. Dawn il-*parking bays* għandhom jinżebgħu biż-żebgħa bajda.

***23.3.5*** ***Funds for Rural Roads M4-3***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien ser jattendi għall-laqgħa informattiva li qed torganizza l-Assoċjazzjon tal-Kunsilli Lokali fir-riġward ta' fondi għal titjieb fit-toroq rurali. Ġie nutat li din il-laqgħa li ser issir nhar it-Tnejn 6 ta' Frar 2016 fl-4.00p.m, hija miftuħa għall-membri kollha tal-Kunsill kif ukoll għas-Segretarji Eżekuttivi.

***23.3.6*** ***Triq Gardenja – ħsarat fl-appliances tar-residenti***

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill kommunikazzjoni tal-Kunsillier Liam Sciberras fir-rigward tal-ħsarat fuq l-*appliances* li sofrew xi residenti fi Triq Gardenja wara li kuntrattur imqabbad mill-Awtorita' tad-Djar għamel xi xogħol fuq il-binjiet tal-Gvern f'din it-triq. Il-Kunsillier Liam Sciberras qal li jħoss li dak li ntqal fl-aħħar laqgħa mhux ġust xejn u qed jerġa jitlob li l-Kunsill biex jikteb lill-Awtorita' tad-Djar għan-nom tar-residenti dwar x'ġara u fejn waslu fuq dan il-każ. Huwa ppreżenta estratt mill-liġi tal-Kunsill Lokali li titkellem fuq il-jeddijiet taċ-ċittadini b'mod ġenerali. Qamet diskussjoni u l-Kunsilliera Caroline Galea qalet li kellha inċident dwar dak li ntqal fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill li ma xtaqitx titkellem dwarhu iżda qalet li kull membru tal-Kunsill li jgħati parir għandu jara li l-parir li jgħati jkun parir tajjeb. Il-Kunsill qabel li jikteb lil Awtorita' tad-Djar kif propost.

**23.3.7** **Bracket tad-Dawl fi Trejqet il-Ġeranji**

Is-Sindku ressaq proposta tal-Viċi Sindku biex issir dawl ġdid fi Triq il-Ġeranji billi titwaħħal *bracket* fuq in-naħa tad-djar. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**23.3.8 Għargħar fi Triq Dawret it-Torri**

Is-Sindku tkellem dwar parir li ngħata l-Kunsill mid-Dipartiment tal-Marine, Storm Water and Valley Management fir-rigward tal-problemi ta' għargħar f'Dawret it-Torri u Triq Prinjoli. Il-Kunsill qabel li jerġa jikteb biex ix-xogħol isir minn Transport Malta peress li kienu ntradmu xi *manholes* meta saret it-triq minn Trasport Malta fis-sena 2007 u il-problema ilha tipperisti minn dak iż-żmien.

**23.3.9 *Proposta għall-Ġieħ Santa Luċija***

Is-Sindku ressaq proposta tal-Kunsilliera Caroline Galea biex is-Sur Lino Arrigo, li miet ftit taż-żmien ilu, jingħata Ġieħ Santa Luċija 2017. Din il-proposta ntlqgħet unanimament.

**23.3.10 *Uplowdjar tar-recordings tal-laqgħat tal-Kunsill***

Is-Sindku informa li l-Kunsill kien reġa kiteb lid-Dipartiment fuq l-uplowdjar tar-rekordjar tal-laqgħat tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku ippropona li ssir kopja tas-CD li fuhom tiġi rrekorjata il-laqgħa u tingħata lil Kunsilliera. Il-Kunsill qabel unanimament fuq din il-proposta.

**23.3.11 *Cirkulari 35-2016 – Inizjattiva Finanzjarja – Stronger Communities; Literacy Projects at Local Level***

Is-Sindku tkellem dwar din l-iskema li għaliha l-Kunsill ser jingħata fondi sa 3,000 ewro.

Ingħataw aktar dettalji mill-Kunsillier Liam Sciberras dwar emenda fid-dati proposti u dwar il-ħolqien ta' Homework Club u Job Club. Huwa qal ukoll li qed jitħejjew l-avviżi biex jitqassmu f'kull dar. Is-Sindku ppropona li ssir talba lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex il-Kunsill jingħata *white board* elettroniku minn dawk li qed jinqagħlu mill-iskejjel. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tkun qed tipprepara d-dokument tal-kwotazzjoni biex jinxtraw il-*computers*.

**23.3.12 *Talba għas-support tal-Kunsill fuq attivitajiet taż-żgħażagħ***

Il-Kunsill iddiskuta talba min voluntier li jieħu ħsieb iż-żgħażagħ f'Santa Luċija. Is-Sindku spjega li dan l-individwu kien jagħmel xogħol volontarju taħt il-programme Right to Smile u issa li m'għadux f'dan il-programm xorta baqa' jieħu ħsieb iż-żgħażagħ billi jorganizzalhom attivitajiet. Il-Kunsill qabel li biex il-Kunsill jgħati s-support tiegħu irid ikun jaf taħt liema kappa hija mwaqfa din l-organizzazjoni.

**23.4 Aġġornament tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-6.30p.m minħabba problema teknika tal-*live streaming*. Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa għandha titkompla nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar 2017 fit-3.30p.m.

Terrence Ellul | Caroline Silvio

Sindku Segretarju Eżekuttiv